MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 59

13 ta' September 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 59 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 58 mingħajr ma saru emendi. Approva wkoll li dan id-dokument jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa fil-Ħarifa 2011 (K/3)(C/4/Vol III) (P/5/8/P)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u l-Kunsill ġie nfurmat li wara kuntatti li kien hemm mal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin, kien propost, li għal raġunijiet ta' siġurta` matul ix-xhur ta' Settembru, Ottubru u Novembru m'għandux jsir ikkampjar fiż-żona tal-Aħrax tar-Ramel (biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar), fil-waqt li għandu jkun ittollerrat fiż-żoni Tal-Aħrax tat-Tunnara u fl-Aħrax Tal-Madonna. Ġie rrakkomandat ukoll li matul x-xhur ta' Diċembru u Jannar m'għandux ikun hemm problemi ta' siġurta`, billi ftit li xejn ikun hemm kaċċa f'dak il-perjodu.

2.1.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa u talab li l-permessi jkunu regolati b'dan il-mod.

2.1.4. Is-Sindku għarraf li l-Gvern Ċentrali rtira l-applikazzjoni PA 1956/09 li kienet tinvolvi l-iżvilupp ta' *caravan site* f'inħawi Tal-Prajjet. Huwa qal li fid-dawl tal-fatt li l-lokalita` tal-Mellieħa hija probabbli l-unika waħda f'Malta fejn jista' jsir l-ikkampjar, l-istess Gvern issa huwa moralment obbligat jindirizza r-riżorsi li kien ser jalloka fuq il-proġett f'Tal-Prajjet b'tali mod li jgħin il-Kunsill jindokra u jissorvelja l-postijiet imsemmija fil-minuta 2.1.2. aktar 'il fuq. L-impjieg ta' *ranger* hija waħda mill-miżuri li tista' tittieħed f'din id-direzzjoni.

2.1.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u mas-Segretarjat responsabbli mit-Turiżmu f'dan ir-rigward.

### 2.2.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

2.2.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li delegazzjoni magħmula minn 14-il persuna ser tipparteċipa fil-proġett imsemmi f'Casalborgone, Turin l-Italja. Din ser titlaq nhar is-Sibt 17 ta' Settembru 2011 u magħha ser jingħaqad il-Konslu Onorarju Malti f'Turin – Dott. Giuseppe Bilotta.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Servizz bil-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-30 ta' Awwissu 2011 saret laqgħa fil-Ministeru għall-Infratruttura, Trasport u Komunikazzjoni, li għaliha attendew is-Sinjuri Robert Azzopardi mill-istess Ministeru, Ivan Pierre Vella minn Transport Malta u John Rimington minn Arriva Malta Ltd. Għan-naħa tal-Kunsill, flimkien mas-Sindku R. Cutajar, attendew ukoll il-Kunsillieri J. Azzopardi, C. Bartolo, P. Cutajar u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Huwa qal li fl-istess laqgħa ġiet sottomessa skeda ta' nuqqasijiet osservati minn meta beda s-servizz il-ġdid tal-karozzi tal-linja fit-3 ta' Lulju 2011.

2.3.3. Saret referenza wkoll għal ittra datata 19 ta' Awwissu 2011, fejn Transport Malta għarrfu lill-Kunsill bl-introduzzjoni ta` rotta ġdida li titlaq miċ-Ċirkewwa u tgħaddi mill-Mellieħa *Interchange*, B`Kara, Fleur-de-Lys, Ħamrun, il-Belt Valletta u lura.

2.3.4. Il-Kunsillier H. Fenech qal li ħafna għadhom jilmentaw li l-frekwenza fuq ir-Rotta 41 hija baxxa wisq waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

2.3.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal ukoll li s-servizz tal-*feeder line* 131 minn Santa Marija Estate twaqqaf. Huwa kkummenta li dan is-servizz kellu jitħalla għaliex l-aktar żmien li mistenni jintuża huwa matul ix-xhur tax-xitwa. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li fil-laqgħa tad-19 ta' Awwissu, Arriva Malta Ltd kienu aċċennaw li dan is-servizz ħadd ma kien qiegħed jużah.

2.3.6. Is-Sur R. Cutajar qal li s-sitwazzjoni fuq ir-Rotta 41 – Ċirkewwa / Valletta – tjiebet ħafna billi m'għadiex tidħol Buġibba u l-Qawra u b'hekk anke t-tul ta' vjaġġ naqas sostanzjalment. Huwa qal ukoll li fil-laqgħa tat-30 ta' Awwissu sar magħruf li ser isir aktar tibdil fix-xhur ta' Ottubru u Novembru.

### 2.4.1. Konkors - Sportivi Melleħin tas-Sena 2010/2011 (S/4/4)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u ppropona lis-Sur Carmelo Bartolo bħala membru fuq is-sotto-kumitat inkarigat mit-tfassil ta' kriterji li fuqhom jingħataw l-unuri tal-Isportivi Melleħin tas-Sena.

2.4.3. Il-Kunsill qabel man-nomina tas-Sur C. Bartolo, filwaqt li sas-seduta li jmiss għandha tinħatar mara nvoluta fil-qasam sportiv.

### 2.5.1. *Soft area* bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal servizz mxandar fuq ONE TV fl-4 ta' Settembru 2011. Huwa rrimarka li ma kienx ġust il-kumment li sar fl-istess servizz, fis-sens li huwa ma tax kas il-pariri tal-perit inkarigat. Huwa fakkar li d-disinn kien ġie approvat mill-Kunsill. Kompla jgħid li permezz ta' *e-mail* informa lill-Kunsillieri kollha dwar il-mod kif kien qed isir ix-xogħol, fejn deher li xi ħitan mill-istess proġett kien qed ikerrhu l-post.

2.5.3. Kien hemm qbil li għandha tintalab modifika fil-pjanti sabiex jiġu sottomessi mill-MEPA. Ġie aċċertat mill-perit li t-tibdil propost ma jinvolvix nefqa aktar mill-istima oriġinali.

### 2.6.1. Iljieli Melleħin 2011 (A/5/3/5/Vol IV)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-attivitajiet ippjanati għat-tliet ijiem bejn l-10 u l-12 ta' Settembru 2011 laħqu l-aspettattivi billi kien hemm attendenza qawwija mill-pubbliku. Huwa kompla jgħid li l-kwalita` tas-servizz tal-*audio* li ngħata fil-Bitħa tas-Santwarju fit-12 ta' Settembru mbarazza lill-Kunsill. Dan minkejja li s-servizzi kollha meħtieġa nqassmu bejn tliet kuntratturi.

2.6.3. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li l-apparat kien tal-livell mixtieq, iżda l-persuna li ħadmitu ma kelliex esperjenza meħtieġa. Huwa qal il-problema probabli nqalgħet aktar kmieni meta nqata' l-elettriku wara xi ħadd żied il-qawwa tad-dwal fit-Bitħa. Is-Sindku qal li huwa tkellem mad-diriġenti tal-Għaqda Mużikali Imperial biex jiskuża ruħu dwar dan in-nuqqas, li affettwa wkoll parteċipanti oħra, bħal l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u l-Kor tal-Banda La Vittoria.

2.6.4. Is-Sur R. Cutajar rrefera wkoll għall-minuta 8.7. u qal ir-rokna tat-tfal, li kienet ikkordinata mill-istudenti mill-Fakolta` tal-Arkitettura fl-Universita` li kienu ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa, kellha tiġi abbandunata, minħabba restrizzjonijiet imposti mill-MEPA dwar il-ġarr ta' ramel mill-bajjiet. Minkejja dan l-attivita` saret xorta waħda fl-Għadira. B'referenza għall-minuta 8.9, is-Sindku qal li l-preżentaturi Clifford Galea u Donna Mercieca, kellhom inpenji oħra u minflokom daħlu u Darlene Borg u Marilyn Grima, rispettivament.

2.6.5. Is-Sindku qal li l-attivita` ingħatat pubbliċita` sudisfaċenti fuq l-media. Huwa aċċenna għal artiklu li kien hemm f'pubblikazzjoni tal-komunita` Russa f'Malta, kif ukoll fil-ħarġa tal-magazin Sky Life ta' Settembru li jitqassam fuq l-ajruplani tal-Air Malta. Il-*management* tal-kumpless Splash and Fun sponsorja l-istampar tal-programm li tqassam f'diversi ħwienet ma' Malta kollha.

2.6.6. Il-Kunsillier H. Fenech qal li s-servizz tal-*park-and-ride*, tant sar użu minnu li f'ċertu ħinijiet kien hemm ħafna nies jistennew fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, filwaqt li kien hemm kummerċ tajjeb għal tal-ħwienet.

2.6.7. Is-Sindku aċċenna wkoll għas-sehem li tat id-delegazzjoni minn Cavriglia, kemm mil-lat tal-artisti, kif ukoll fil-bejgħ tal-ikel. Huwa qal li dawn kienu sodisfatti ħafna biż-żjara tagħhom u stiednu lill-Kunsill jattendi għall-Festa taż-Żejt li tiġi organizzata f'Cavriglia aktar tard din is-sena.

### 2.7.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-konvenju bejn il-Kunsill u l-Mellieħa Sports Club kien ġie ffirmat fit-18 ta' Awwissu 2011. Kompla jgħid li l-perit talab aċċess għall-fond Nru. 6, fi Triq il-Madonna Ta' Fatima sabiex ikun f'posizzjoni li jħejji l-applikazzjoni li tinvolvi l-annessjoni ta' dan il-bini mal-binja attwali tal-Uffiċċju Amministrattiv, skont kif stipulat fl-istess konvenju.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/09/11;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 07/07/11 – 15/08/11;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 16/08/11 – 19/08/11;
- Skeda ta' Pagamenti – 14/08/11 – 09/09/11;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2011
- Skeda ta' punti mqajjma waqt laqgħa dwar it-Trasport Pubbliku mħaddem minn Arriva Malta Ltd – 30/08/11

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Festa tal-Qara' Aħmar fil-Manikata (S/6/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datata 21 ta' Awwissu 2011, mibgħuta mill-Koperattiva Rurali Manikata, fejn talbu li jsiru użu minn *billboard* fit-telgħa ta' Selmun matul ix-xahar ta' Ottubru, bil-għan li ssir pubbliċita` għall-attivita` msemmija, li ser isseħħ fit-30 ta' Ottubru.

4.1.3. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni li jintuża l-*billboard* li hemm fit-Telgħa ta' Selmun bil-għan li tinghata pubblicita` lill-attivita` msemmija, iżda ġibed l-attenzjoni li f'kull materjal li ser jigi stampat, jew jitpogga *on-line*, l-isem jew l-istemma tal-Kunsill Lokali u dik tal-EDEN għandhom jidhru bħala wieħed mis-sosteničuri tal-inizjattiva li qed tieħu l-koperattiva.

### 4.2.1. Żjara ta' informazzjoni dwar l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (E/3/2/Vol II)

4.2.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 5 ta' Settembru 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn is-Segretarji Eżekuttivi ġew mistiedna japplikaw sabiex imorru Brussel bejn il-5 u 7 ta' Ottubru 2011 għaż-żjara msemmija. Huwa qal li s-Sur C. Debono ressaq it-talba tiegħu li ġiet aċċettata permezz ta' *e-mail* ieħor datat 14 ta' Settembru 2011, mibgħut mir-Rappreżentanza tal-Unjoni Ewropea f'Malta.

4.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' Settembru 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqu żewġ skedi ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn is-7 ta' Lulju u l-15 ta' Awwissu, u bejn is-16 u d-19 ta' Awwissu 2011.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-14 ta' Awwissu u d-9 ta' Settembru 2011.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

### 7.1. Sigurta` fil-*playing fields* – Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-*Playing Fields* Eżistenti (P/2)(P/4/24)(P/4/25)

7.2. Is-Segretarju rrefera għall-Memo 43/2011 datata l-1 ta' Awwissu 2011, li permezz tagħha tnediet skema mmirata sabiex jittejbu *playing fields* eżistenti, partikularment f'dik li hija siġurta`. Fit-talbiet tagħhom, il-Kunsilli ntalbu sabiex jagħtu spjegazzjoni fil-qosor tax-xogħlijiet li jeħtieġ isiru, stima finanzjarja u d-dati tal-bidu u t-tmien tal-istess xogħlijiet. Fejn ikun il-ħtieġa għandu jiġi assigurat li jkun hemm il-permessi tal-MEPA. L-applikazzjonijiet mimlija għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-ġimgħa 28 ta' Ottubru 2011.

7.3. Inġibdet l-attenzjoni li nbdew l-ispezzjonijiet fil-*playing fields* kollha tal-lokalita` minn uffiċjal tal-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority.* Ir-rapport dwar Ġnien il-Qigħan mistenni li jiġi konkluż fi ftit taż-żmien ieħor, fejn in-nuqqasijiet ser jiġu kklassifikati skont l-urġenza tagħhom. Fir-rigward ta' Gnien il-Qigħan, jidher li l-ewwel priorita` hija li jsir *wire netting* li jifred mid-Dar tal-Anzjani, minħabba d-diżlivell qawwi li jeżisti. Ġie nnutat ukoll li hemm numru ta' *cables* tal-elettriku li tħallew 'il fuq mill-wiċċ tal-ħamrija illi faċilment jistgħu jintmessu mit-tfal jew jitlaqgħu mill-gardinara.

7.4. Is-Segretarju aċċenna għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta 56 tal-11 ta' Ġunju 2011 dwar xogħol ta' titjib li jeħtieġ isir fi Ġnien Dun Anton Debono, fejn diġa hemm stima, filwaqt li qed jitħejja dokument tal-offerta.

7.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li applikazzjoni taħt din l-iskema għandha ssir fir-rigward taż-żewġ *playing fields* imsemmija.

### 8.1. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

8.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li x-xogħol fuq Triq l-Armier, bejn it-Triq Ta' Msid u Triq Ramlet il-Qortin, intemm u n-nefqa fuqu laħqet € 378,878. Huwa fakkar li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien approva li jiffinanzja 30% tas-somma totali stimata għal Triq l-Armier li kienet tlaħħaq €718,580. Is-Sur C. Debono talab lill-Kunsill jiddeċiedi dwar jekk għandux jitkompla r-*resurfacing* ta' Triq l-Armier aktar 'il ġewwa, jew issir xi triq oħra bil-permess tal-istess Dipartiment. Aċċenna wkoll li skont il-ftehim li ġie ffirmat mad-Dipartiment, ix-xogħlijiet jeħtieġ li jitwettqu sal-aħħar tal-2011.

8.3. Is-Sindku għarraf li diġa saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bil-għan li ssir il-kostruzzjoni ta' Triq il-Wied ta' Ruman, fejn tingħaqad ma' Triq il-Barkazza u Triq il-Marlozz. Il-*Contract Manager* kellu jħejji stima tax-xogħol involut. Huwa ppropona wkoll li tista' tiġi kkunsidrata t-tkomplija ta' Triq il-Mellieħa biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata, fejn jista' jkun hemm art tal-privat li jeħtieġ tiġi esproprijata mill-Gvern. Kompla jgħid li fiż-żewġ każi, dawn huma proġetti li jaqgħu fir-responsabilita` ta' Transport Malta, iżda għadhom ma ġewx skedati li ser jsiru.

8.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li Triq il-Mellieħa, quddiem il-Knisja tal-Manikata tista' titbaxxa u tissaqqaf biex issir mina, u b'hekk Misraħ il-Parroċċa jibqa' bla imxekkel mit-traffiku, filwaqt li ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' esproprjazzjoni ta' art privata.

8.5. Il-Kunsillieri J. Buttigieg u C. Bartolo ppproponew li jew titkompla Triq l-Armier jew Triq Ramlet il-Qortin, sabiex ikun jista' jingħalaq ix-xogħol minn dik in-naħa u hekk il-Kunsill ikun qed jaġixxi skont ir-responsabilitajiet stipulati f'dawk li huma xogħlijiet fit-toroq.

8.6. Il-Kunsill iddeċieda li jkompli d-diskussjoni fuq dan is-suġġett fis-seduta li jmiss.

## 9.1. Twaqqif ta' Kumitat tat-Tmexxija dwar il-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)

9.2. Is-Sindku għarraf li s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Isports awtorizza l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti li tinvolvi il-kostruzzjoni ta' gymnasium fil-beraħ. Huwa qal ukoll li l-periti nkarigati mill-Kunsill – M.P. & D.C. Ltd – issottomettew id-dokument tal-offerta dwar l-installazzjoni tad-dwal li tkopri t-tieni fażi tal-proġett.

9.3. Is-Segretarju ppropona li ssir laqgħa mal-inġinier li kien responsabbli mit-tħejjija tad-dokument dwar id-dwal bil-għan li l-kontenut tiegħu jiġi spjegat lill-Kunsill qabel issir is-sejħa. Dan bil-għan li jiġi żgurat illi x-xogħlijiet ġew inklużi kollha u tneħħew oħrajn skont id-diskussjonijiet li kien hemm mal-inginier aktar qabel.

9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposta tas-Segretarju.

9.5. Is-Sindku qal li dan il-kumpless ma jistax jiffunzjona mingħajr xi forma ta' amministrazzjoni li tkun komposta mid-diriġenti tal-għaqdiet sportivi li ser jibbenefikaw minnu. F'dan il-mument huwa qed jara li dawn ikunu ġejjien mid-dixxiplini tal-basketball, netball, volleyball u l-atletika. Din l-amministrazzjoni tkun taħt id-direzzjoni tal-kumitat tat-tmexxija ppresjedut minnu u rappreżentant ieħor mill-Kunsill Lokali.

9.6. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li t-tim tan-netball minn dejjem kien parti integrali mill-Mellieħa Sports Club u għalhekk m'għandux ikun involut fit-tmexxija tal-faċilitajiet tal-Park tal-Familja.

9.7. Is-Sindku qal li t-tim tan-netball ma jistax jitħalla barra, peress li fit-28 sena li ilu jeżisti għad m'għandhomx faċilitajiet adekwati fejn jipprattikaw l-isports favorit tagħhom.

9.8. Is-Segretarju qal li l-Kunsill flimkien mas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Isports jew mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jara wkoll li tinstab persuna jew persuni sabiex jagħmluha ta' kustodji tal-kumpless, bil-għan li:

- Ma ssir ħsara waqt l-użu tal-post, anke mill-istess għaqdiet li jagħmlu użu minnu;
- Jikkontrolla l-konsum tal-elettriku u l-ilma;
- Ma jsirx vandaliżmu u serq fil-park waqt li ma jkunx qed jintuża;
- Jirrapporta ħsarat jew manutenzjoni li tkun meħtieġa; u
- Jattwa direttivi mogħtija lilu mill-Kumitat tat-Tmexxija minn żmien għal żmien.

9.9. Il-Kunsill kien tal-fehma li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandhom titkompla fis-seduti li ġejjin.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2011 (F/1/1/Vol II)

10.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

10.3. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ir-rendikont imressaq mis-Segretarju, Kunsill qabel li dan id-dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 11.1. Rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)

11.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li fid-9 ta' Settembru 2011 saret laqgħa oħra ma' uffiċjali minn Transport Malta fejn ġie spjegat il-pjan li għandha l-Awtorita` dwar it-traffiku sakemm ikun għaddej ix-xogħol fuq it-triq imsemmija. Fost il-punti li ħarġu mill-istess laqgħa kien hemm li:

a) Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borg Olivier u parti minn Triq il-Marfa (minn Triq l-Erwieħ 'il fuq) tkun *one-way* 'l isfel għat-traffiku kollu, minbarra l-karozzi tal-linja;

b) Jitneħħa l-ipparkjar kollu fil-partijiet id-dojoq ta' Triq Ġorġ Borg Olivier, filwaqt illi jitħallew postijiet għall-ħatt u t-tagħbija;

c) Traffiku li jkun tielgħa fi Triq il-Marfa jiġi mdawwar għal Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw u Triq Qasam Barrani;

d) It-triq tal-Wied ta' Rdum tingħata kisja tarmak, sabiex tieħu it-traffiku mid-direzzjoni Tal-Prajjet għal Tat-Tomna;

e) Traffiku miċ-Ċirkewwa għal Mellieħa u lokalitajiet oħra jkun jista' jidħol minn fejn is-Seabank Hotel, jgħaddi minn Triq tal-Prajjet, mit-triq tal-Wied Ta' Rdum għal Triq il-Mellieħa;

f) Il-*junction* ta' Triq il-Marfa tiġi modifikata b'tali mod li traffiku illi jkun ġej miċ-Ċirkewwa jiġi skoraġġit milli jidħol fil-qalba tal-Mellieħa sabiex juża ir-rotta deskritta fil-paragrafu (e) aktar 'il fuq; u

g) Triq il-Mellieħa (Tat-Tomna) tibqa' *two-way*.

11.3. Għal-laqgħa attendew ukoll il-perit tal-kuntrattur li ser ikun responsabbli mix-xogħlijiet, li stqarru li x-xogħol mistenni li jieħu madwar sena. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-General Retailers and Traders Union ġew mistiedna għal laqgħa tad-9 ta' Settembru 2011, iżda għal xi raġuni ma attendewx. Il-Malta Hotels and Restaurants Association ma kinux mitluba jattendu.

11.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li Triq il-Mellieħa għandha tkun ristretta għal *one-way* fid-direzzjoni lejn Triq Lewis Wettinger, filwaqt li jridu jsiru arranġamenti sabiex it-traffiku jiġi skoraġġit milli jgħaddi mill-Manikata, peress li t-triq hija limitata ħafna.

11.5. Is-Sindku qal li wħud mill-miżuri proposti m'humiex aċċettabbli u talab biex issir laqgħa b'urġenza fejn ikun hemm il-partijiet kollha ntessati jkunu preżenti u konsultati.

11.6. Il-Kunsill kien tal-fehma li perjodu ta' sena huwa twil wisq u ċertament jaffettwa l-komunita` kummerċjali tat-toroq ewlenin, partikularment bin-nuqqas ta' faċilitajiet għall-ipparkjar. Kien hemm qbil li f'dan l-istadju jkun tajjeb illi ssir konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet imsemmija fil-minuta 11.3.

## 12.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)

12.2. Is-Sindku rrefera għall-*business breakfast* li sar nhar is-Sibt 10 ta' Settembru 2011 fil-Maritim Hotel Antonin Hotel & Spa. Huwa qal li kien hemm attendenza tajba minn korpi kostitwiti bħal G.R.T.U. u s-C.M.T.U., filwaqt li kien jistenna aħjar mill-għaqdiet u l-lukandiera Melleħin. Fil-fatt kienu rappreżentati biss il-Mellieħa Scout Group, Mellieħa Sports Club, l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u l-Panorama Hotel, filwaqt li min-naħa tal-partiti politiċi attendew l-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-kelliemi tal-Partit Laburista dwar il-Kunsilli Lokali – l-Onor. Stefan Buontempo – ma attendiex minħabba npenn ieħor.

12.3. Is-Sur R. Cutajar qal li wara l-introduzzjoni li saret minnu, il-*business breakfast* kien indirizzat mid-diriġenti E.R.C.S. Ltd li għamlu l-istudju, filwaqt li s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali – l-Onor. Chris Said - għamel id-diskors tal-għeluq. Saru nterventi wkoll mill-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri J. Azzopardi u C. Bartolo.

12.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*executive summary* tal-istudju tqiegħed fuq l-internet fejn ser jitħalla sa Ottubru 2011 għall-kummenti tal-pubbliku, qabel jiġi ppubblikat id-dokument finali.

### 13.1. Proġett kulturali b'imsieħba minn Sqallija (K/12/2)

13.2. Is-Sindku aċċenna għal ftehim li kien ġie ffirmat fl-2009 bejn tliet Kunsilli Lokali Sqallin, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u l-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa, Ħad-Dingli u l-Birgu. Dan jinvolvi l-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali u konferenzi fil-lokalitajiet imsemmija. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ġie kkuntattjat sabiex issir waħda minn dawn il-konferenzi fil-Mellieħa u jkun jista' jagħti id-dettalji aktar 'il quddiem.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 14.1. Tħejjija ta' *Energy Audit* (C/3/2/Vol II)

14.2. Is-Sindku ppropona li jsir *energy audit* dwar il-konsum tal-enerġija fil-bini tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa u fl-uffiċċju tal-Kunsill. Fir-rigward tal-iskola dan ikun jinvolvi l-ġbir ta' lista ta' tagħmir li jeżistu f'kull kamra u jsir analiżi dwar il-konsum. Issir ukoll analiżi tat-trasferiment tas-sħana fil-bini bl-użu ta' *infrared thermal imaging camera*. Issir evalwazzjoni tal-ħtiġijiet tal-bini f'dik li hija ventilazzjoni, sħana u kesħa. L-informazzjoni kollha tinġabar f'rapport li jiġi ppreżentat. A bażi tiegħu tkun tista' issir kampanja edukattiva fost it-tfal li jattendu l-iskola dwar l-użu għaqli tal-enerġija. Min-naħa tagħhom, it-tfal ikunu jistgħu jaħtru minn fosthom *Green Ambassadors* u jagħmlu proġett li jkun jista' jiġi muri lill-pubbliku waqt Jum l-Ambjent. Fir-rigward tal-uffiċċju tal-Kunsill, ikun jeħtieġ li ssir spezzjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill u jingħata rapport bir-rakkomandazzjonijiet dwar l-użu għaqli tal-energija.

14.3. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li stima sabiex jingħata dan l-inkarigu ngħatat mid-ditta CHI Consultants li tammonta għal €1,050 inkluża l-VAT.

14.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 15.1. Progress fuq il-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)

15.2. Is-Sindku għarraf li s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Isports awtorizza l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti li tinvolvi il-kostruzzjoni ta' gymnasium fil-beraħ. Huwa qal ukoll li l-periti nkarigati mill-Kunsill – M.P. & D.C. Ltd – issottomettew id-dokument tal-offerta dwar l-installazzjoni tad-dwal li tkopri t-tieni fażi tal-proġett.

15.3. Is-Segretarju ppropona li ssir laqgħa mal-inġinier li kien responsabbli mit-tħejjija tad-dokument dwar id-dwal, bil-għan li l-kontenut tiegħu jiġi spjegat lill-Kunsill qabel issir is-sejħa. Dan sabiex jiġi żgurat illi x-xogħlijiet ġew inklużi kollha u tneħħew oħrajn skont id-diskussjonijiet li kien hemm mal-inginier aktar qabel.

15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposta tas-Segretarju.

### 16.1. Proġett *Mellieħa Nights* 2010 (P/10/7)

16.2. Saret referenza għall-proġett imsemmi, li għab-bażi tiegħu kienu ġew allokati fondi taħt *Action 1 – Measure 1.1. "Town Twinning Citizens' Meeting"* bil-għan li l-lokalitajiet tewmija ta' Agia Napa, Cavriglia u Adenau jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-Iljieli Melleħin 2010. Il-proposta ġiet milqugħa u l-*Education, Audiovisual & Culture Executive Agency* kienet allokat €5,518.86, iżda billi l-ispejjeż reali tal-vjaġġi kienu sostanzjalment iktar mill-ammont kopert mill-UE, partikularment fil-każ ta' Agia Napa, kellu jingħata sussidju addizzjonali mill-fondi ordinarji tal-Kunsill, kif jidher hawn taħt:

| Pajjiż | Lokalita` | Allokazzjoni mill-UE (€) | Sussidju mill-Kunsill (€) | Total tas-somma mhallsa (€) |
|---|---|---|---|---|
| Ġermanja | Adenau | 2,449.50 | 0 | 2,449.50 |
| Italja | Cavriglia | 1,254.96 | 745.04 | 2,000.00 |
| Cipru | Agia Napa | 1,814.40 | 1,985.60 | 3,800.00 |
| | | Total: | 2,730.64 | |

| | |
|---|---|
| Somma Allokata mill-Fond ta' Kofinanzjament fuq il-proġett kollu*: | €2,975.00 |

* Sad-data tas-seduta l-Kunsill kien irċieva 50% tas-somma allokata

16.3. Il-Kunsill approva l-ħlasijiet lil lokalitajiet imsemmija.

**17.1. Proġett dwar il-*Floodlighting* fi Triq l-Inkurunazzjoni u Triq l-Erwieħ (P/4/14)**

17.2. Is-Sindku għarraf li l-*floodlighting* kien konkluż fi żmien għall-Festa tal-Vitorja. Ix-xogħol ma tlestiex qabel peress li d-dwal tal-kampnari kienu għadhom ma waslux, għar-raġuni li dawn saru minflok dawk li kellhom ser jixgħelu l-blat ta' taħt il-*playing field*.

17.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ isir riflettur ieħor fin-naħa t'isfel ta' Triq l-Erwieħ, peress li teżisti roqa li mhux imdawwla daqs il-madwar.

17.4. Intqal ukoll li d-dwal tan-neon tal-bar li hemm wara ċ-ċimiterju qed jikkuntrastaw mal-*floodlighting* li sar u għalhekk jeħtieġ li jsiru kuntatti mal-operatur tal-bar sabiex titjieb l-estetika tal-knisja wara li jidlam.

**18.1. Titjib u Tisbiħ bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)**

18.2. Is-Sindku qal li fi ftit tal-jiem oħra ser jinbeda x-xogħol fil-partijiet komuni bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu.

18.3. Dwar l-aspett edukattiv tal-iskema, is-Sindku staqsa dwar jekk hemmx tfal li joqgħodu fil-Qasam Ta' Pennellu li jattendu l-Mellieħa Sports Club Football Nursery. Is-Sur J. Buttigieg wieġeb li hemm tnejn li jattendu regolarment.

18.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn il-persuni għandhom jiġu identifikati sabiex is-sħubija tagħhom għas-sena 2011/2012 fin-*nursery* tiġi ffinanzjata mill-Iskema Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Bini tal-Gvern.

18.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li jsiru taħditiet b'tema soċjali, li jkunu jittrattaw fost oħra il-*parental skills*. Is-Sindku qal li jistgħu jiġu organizzati korsijiet tat-kompjuter għat-tfal.

18.6. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilta` li tiġi ntrodotta n-*neighbourhood watch* sabiex jiġi kkontrollat il-vandaliżmu u abbużi oħra mit-tfal li joqgħodu f'istess qasam u postijiet oħra fil-qrib.

**19.1. Parteċipazzjoni fil-*Car Free Day* (A/4/5/Vol II)**

19.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona li Triq Ġorġ Borg Olivier u parti minn Triq il-Kbira għandhom jingħalqu għat-traffiku kollu minbarra l-karozzi tal-linja, filwaqt li Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawl II jiġi pprojbit l-ipparkjar ta' vetturi. Dan l-arranġament jidħol fis-seħħ nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru 2011, bejn id-9.00am u l-5.00pm sabiex ikun possibbli li dawn it-toroq temporanjament jsiru żoni pedonali, bil-għan li l-pubbliku jiġi mħajjar jimxi jew juża t-trasport pubbliku. Billi t-traffiku ser ikun limitat, ikun possibbli li jsiru żewġ *fun runs* li jibdew minn Triq Ġorġ Borg Olivier u jintemmu f'Misraħ il-Parroċċa – waħda għat-tfal u l-oħra għall-kbar fl-10.00am u l-10.30am, rispettivament. F'Misraħ iż-Żjara tal-Papa għandu jkun possibbli li jiġi pprattikat l-isports tal-BMX. Ippropona li jiġi organizzat *park-and-ride* minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi

19.3. Is-Sindku li f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa tista' issir diskussjoni b'tema ambjentali, bejn il-11.00am u nofsinhar dwar, possibilment bil-parteċipazzjoni ta' xi uffiċċjal mill-MEPA u membri ta' NGO's involuti f'dan il-qasam. Is-Sur R. Cutajar issuġġerixxa wkoll li jkun hemm post fejn rappreżentanti mid-ditta CHI Consultants jagħtu pariri lill-pubbliku dwar l-użu inteliġenti tal-enerġija. Huwa qal li għandu jitqassam *flyer* biex il-pubbliku jkun infurmat bl-attivitajiet, filwaqt li tinħareġ stqarrija għall-istampa fil-15 ta' Settembru 2011.

19.4. Is-Sur E. Bartolo kompla billi ssuġġerixxa li Misraħ il-Parroċċa jinqasam fi tliet partijiet, waħda riżervata għat-tfal, oħra għal sports bħalma huwa mini-basket, volleyball, eċċ u oħra għall-varjeta`. Huwa ppropona li Arriva Malta Ltd għandhom jintalbu jikkontribwixxu numru ta' *day tickets*, li jkunu jistgħu jittellgħu lill-pubbliku preżenti f'Misraħ il-Parroċċa.

19.5. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa u talab li jsiru arranġamenti meħtieġa mal-Pulizija jew mal-aġenzija Guard & Warden Service House Ltd sabiex jiġi nfurzat l-għeluq tat-toroq imsemmija aktar 'il fuq fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq in-Naħal u kantuniera ma' Triq Franġisk Zahra; Triq il-Marfa kantuniera ma' Triq l-Erwieħ, u fi Triq l-Erwieħ kantuniera ma' Triq Salvinu Vella. Il-Kunsill qabel ukoll li jintalab servizz bil-*minibuses* minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi għal Misraħ il-Parroċċa waqt l-attivitajiet. Jintalab ukoll s-servizz tal-audio għal Mirsaħ il-Parroċċa.

**20.1. Korsijiet dwar Liċenzji Nawtiċi (E/3/1/Vol III)**

20.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf li għall-aħħar kors nawtiku li ġie organizzat, resqu 20 persuna għall-eżami, li tlieta minnhom biss m'għaddewx minnu. Dawn ser jerġgħu jersqu għall-eżami fi ftit tal-jiem oħra.

20.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li hemm numru ta' persuni oħra li wrew interess sabiex jerġa jiġi kordinat kors ieħor simili fil-Mellieħa.

20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**21.1. Tismija ta' toroq (T/4/1/Vol II)**

21.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-mewt għall-pittur Mellieħi George Fenech li grat fil-21 ta' Awwissu 2011. Huwa qal li s-Sur Fenech kellu fama fuq bażi nazzjonali u tellgħa diversi wirjiet tax-xogħlijiet tiegħu kemm f'Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra, filwaqt li l-istil tiegħu nfluwenza artisti oħra. Is-Sur J. Azzopardi għalhekk ippropona li tessemma triq fil-Mellieħa biex iġġedded il-memorja tiegħu.

21.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsidra din il-proposta meta tinqala' il-ħtieġa li jissemmew toroq ġodda.

**22.1. Proġett *Let's Art* flimkien ma' żgħażagħ minn Elblag fil-Polonja (P/10/10)**

22.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għal proġett li pparteċipaw fih żgħażagħ Melleħin bejn l-14 u l-24 ta' Awwissu 2011. Għarraf li l-imsieħbin ewlenin f'dan il-proġett għaddew is-somma ta' €1,005 fil-kont bankarju tal-Kunsill sabiex jagħmlu tajjeb għal parti mill-ispiża tal-biljetti tal-ajru. Huwa qal li kien hemm spejjeż oħra fuq l-ivjaġġar bejn Krakow u Elblag, li għamilhom huwa waqt li grupp kien fil-Polonja. Ta' dawn huwa ħa rifużjoni direttamenti mill-organizzaturi. Is-Sur P. Cutajar qal li ser iressaq rendikont sħiħ tal-ispejjeż li saru fis-seduta li jmiss.

22.3. Dwar iż-żjara fil-Polonja, is-Sur P. Cutajar ikkummenta, il-grupp kien inpenjat kontinwament f'dak li huwa skultura, tpinġija fuq il-ħitan (*murals*) u ddisinjar ta' *badges*.

22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**23.1. Arranġamenti għall-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol V)**

23.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna għal-laqgħa li saret qabel il-Festa tal-Vitorja mal-għaqdiet konċernati, mas-Supretendent u l-Ispetturi tal-Pulizija tad-Distrett, dwar il-kontroll tat-traffiku, il-bejgħ ta' xorb f'tazzi tal-plastik u bottijiet, kif ukoll dwar id-daqq ta' mużika minn bars. Huwa qal li dawn il-kuntatti ħallew il-frott għaliex kien jidher li kien hemm kontroll tajjeb ħafna mill-Pulizija.

23.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2011, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**